**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 51/2011**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**

**vs**

**Carmel Tarcisio Curmi**
**(ID 479561(M))**

**Illum, 25 ta' Settembru 2015**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat Carmel Tarcisio Curmi, iben Carmel u Antonio nee` Pace, imwieled il-Pieta` fis-27 ta' Lulju 1961, residenti 76, Triq Tonna, Sliema/26, Triq Gerry Zammit, Gzira, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 479561(M);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fl-24 ta' Marzu 2009 u matul l-ahhar xhur qabel din id-data:

Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2014, il-partijiet iddikjaraw li kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mressqa sa dakinhar, quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Htija</u>**

Illi l-fatti saljenti li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Nhar l-24 ta' Marzu 2009, pulizija mill-Iskwadra kontra d-Droga ezegwew mandat ta' tfittxija u arrest fil-konfront tal-imputat, li gie mwaqqaf fi Triq Jerry Zammit gewwa l-Gzira, waqt li kien akkumpanjat minn terza persuna, certu Daniel Grech. Minn tfittxija li saret fuq il-persuna tal-imputat, instabu bicciet suspettati raza tal-*cannabis* gewwa l-but tal-qalziet tieghu. Sussegwentement, minn tfittxija li saret fil-fond 26, Triq Jerry Zammit, ossia l-fond li fih l-imputat gie osservat jidhol qabel ma' twaqqaf mill-pulizija, instabet bicca suspettata raza tal-*cannabis* fuq mejda fil-kcina u bicciet ohrajn ukoll suspettati raza tal-*cannabis* mat-tubu tat-twaletta f'kamra tas-sodda. Gie ukoll elevat il-*mobile phone* tal-imputat. Huwa gie arrestat u mehud gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija ghal investigazzjoni ulterjuri[1], fejn irrilaxxja zewg stqarrijiet – wahda dakinhar stess tal-24 ta' Marzu 2009 u l-ohra l-ghada.

Fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2011, id-difiza ddikjarat illi m'hemmx il-htiega li jinhatar espert sabiex jezamina s-sustanza esebita – ossia s-sustanza misjuba fuq il-persuna tal-imputat u fil-fond in kwistjoni – u li, minghajr ammissjoni ta' htija, dik hija *cannabis*.[2]

[1] Ara x-xhieda ta' PS 1174 Adrian Sciberras, a fol. 17 *et seq* tal-process; PC 213 Nikolai Borg, a fol. 20 *et seq* tal-process; WPC 237 Antonella Vella, a fol. 23 *et seq* tal-process u x-xhieda ta' PC 1319 Matthew Xuereb, a fol. 26 *et seq* tal-process.
[2] A fol. 5 tal-process.

**Ikkunsidrat ukoll:**

F'dan il-kaz, l-imputat m'huwiex qed jikkontesta illi l-bicciet tar-raza tal-*cannabis* misjuba fuq il-persuna tieghu u fuq il-mejda fil-kcina tal-fond, kienu proprju tieghu, izda skond hu, dawn kienu purament ghall-uzu personali tieghu. Min-naha l-ohra, l-imputat jichad illi l-bicciet tar-raza misjuba mat-tuba tat-twaletta fil-kamra tas-sodda kienu tieghu u jghid li dawn ma kienx jaf bihom.

Fl-ewwel stqarrija rilaxxjata minnu[3], wara li nghata s-solita twissija illi ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma jkunx jixtieq li jaghmel dan, imma dak li jghid jista' jingieb bi prova, l-imputat jgid illi huwa juza l-i*smoke* (ossia r-raza tal-*cannabis*) u li ilu jpejjipha xi seba' xhur. Jghid illi qatt ma pejjep il-*cannabis* qabel, izda wara li kellu xi nkwiet u kien qieghed ma' xi hbieb tieghu li kienu qed ipejjpu l-*ismoke,* huwa talabhom minnha u baqa' jpejjipha. L-imputat jghid ukoll illi jpejjep xi erba' jew hames *joints* kuljum. Jikkonferma illi dakinhar stess, fuq il-persuna tieghu, il-Pulizija sabulu bicciet tar-raza tal-*cannabis* fil-but tal-qalziet u sabulu wkoll bicca blokka tar-raza tal-*cannabis* fuq mejda gewwa l-fond. L-imputat jikkonferma wkoll illi meta ghamlu tfittxija gewwa l-fond, il-Pulizija sabu bicciet tal-blokka tar-raza tal-*cannabis* wara twaletta fil-kamra tas-sodda. Jghid illi din il-*cannabis* kienet ilha ghandu mill-gimgha ta' qabel u li ma xtrajhiex. Jghid ukoll illi dan il-fond kien ilu mikri ghandu xi sena u peress illi fih tlett ikmamar tas-sodda, kien jikri xi kamra lil xi studenti. Xi xahar u nofs jew xahrejn qabel, kien mar Gharbi, Libjan u beda jikrilu kamra. Jghid illi huwa gieli pejjep l-i*smoke* mieghu gewwa d-dar stess. Skond l-imputat, dan l-Gharbi kellu jaghtih xi flus tal-kiri tal-kamra, izda ma kienx hallsu kollox sal-gimgha ta' qabel u fl-istess gimgha, l-Gharbi dahhal xi Gharab ohrajn fil-kamra. L-imputat jghid li dan m'accettahx u talbu biex jitlaq mill-fond. Talbu wkoll biex ihallsu, izda ma kellux flus u minflok, hallsu b'bicca u nofs tal-i*smoke* u l-imputat accetta, la darba l-Gharbi ma kienx ser jaghtih flus. Fir-rigward tat-tliet bicciet l-ohrajn li nstabu wara t-twaletta, l-imputat jghid illi dawn ma kienx jaf bihom u li l-Pulizija sabuhom mohbijin fuq id-dawl tal-mera tat-twaletta, fil-kamra fejn kien joqghod l-Gharbi. Skond l-imputat ghalhekk dawn kienu tal-Gharbi. Meta gie ssuggerit lilu illi l-Gharbi ma kienx ser ihalli warajh tliet bicciet blokki tar-raza, l-imputat sostna li kienu mohbija fil-kamra u li ghalhekk kienu tal-Gharbi. Skond l-imputat dan jismu Axraf u kien sejjer joqghod Bugibba, izda ma kellux izjed informazzjoni dwaru. Jghid li wara li kriha lilu, ma regax kera l-istess kamra lil haddiehor, ghalkemm qablu kien hemm xi studenti Russi u zewg Pollakki li ma kinux studenti. Jghid illi d-droga

[3] A fol. 10 *et seq* tal-process.

madankollu ma kinitx taghhom, ghaliex huwa jaf li l-Gharbi jpejjep l-i*smoke*, izda l-istudenti ma kinux ipejjpu. Jghid illi huwa qatt ma ta xi bicca blokka tal-*cannabis* lil hadd.

Mistoqsi minghand min kien jixtri l-*cannabis*, huwa jghid illi ghandu zewgt ihbieb li kien jafhom u li jpejjpu mieghu, li dawn jixtru ghalihom u huwa jpejjep maghhom. Jghid li ma jixtieqx isemmihom ghax hbieb tieghu u li tawh id-droga ghax talabhom hu. Mistoqsi kif allura kien ipejjep xi erba' jew hames *joints* kuljum u kif il-hbieb tieghu kienu joqoghdu jaghtuh l-i*smoke* minn taghhom kuljum, jghid illi ilu jafhom snin twal u dejjem ghenu lil xulxin, izda qatt ma bieghulu *smoke*. Jghid illi ma kellux kuntratt ta' kera bil-kitba ma' Axraf u mistoqsi kif la darba ma kienx jafu, kien jikrilu minghajr kuntratt, huwa jghid illi peress illi ma jikrix ghal zmien twil, ma joqghodx jaghmel kuntratt ta' kera u lanqas id-dettalji taghhom ma kien ikun jaf.

Fit-tieni stqarrija rilaxxjata minnu fil-25 ta' Marzu 2009, imbaghad, wara li wkoll inghata s-solita twissija, huwa jikkonferma dak li qal fil-jum ta' qabel dwar il-bicciet tal-*cannabis* misjuba fuqu u l-bicca li nstabet fuq il-mejda u li t-tlett bicciet li nstabu wara l-mera tat-twaletta, jahseb li kienu tal-Gharbi Axraf. Id-domandi fl-istqarrija, imbaghad, huma lkoll dwar il-*mobile phone* tal-imputat u dwar messagg fl-istess *mobile* li jsemmi l-vettura HAO 653. Dwar dan ghall-ewwel l-imputat jghid illi meta kien jara xi karozza ghall-bejgh fit-triq, huwa kien jgharraf b'dan lil siehbu biex forsi jaqla' xi haga. Mistoqsi jekk kienx hemm xi hadd "*li hu hanzir*" li ried ibiegh il-karozza tieghu, l-imputat wiegeb li huwa kien jaf b'dak il-messagg u li kien kitbu hu. Qal li kien hemm wiehed li ried jixtri karozza, li dan kellu xi jghid ma' iehor li kellu l-karozza ghall-bejgh u li din il-karozza kienet ipparkjata San Gwann u li jahseb li kellha l-kliem 'For Sale' fuqha ghax kieku ma kienx jibghat il-messagg. Jghid illi huwa bghatlu dan il-messagg biex jara jekk il-karozza kinitx tal-persuna li dan kellu xi jghid mieghu. Mistoqsi allura ghalfejn uza l-kelma 'hniezer' mhux 'hanzir' meta kien qed jirreferi ghal sid il-karozza, l-imputat wiegeb illi l-familja ta' sid il-karozza kienu kollha hniezer ghax ma kellhomx rispett. Meta l-Ufficjal Investigatur issuggerielu illi l-karozza in kwistjoni kienet tieghu stess (ossia tal-Ufficjal Investigatur) u li huwa kellu interess f'din il-karozza proprju ghaliex kienet tal-Pulizija tal-Iskwadra kontra d-Droga u wkoll illi apparti dan il-messagg, kellu dan in-numru ta' registrazzjoni merfugh fil-*phone book* tal-istess *mobile*, huwa wiegeb illi huwa kien ra din il-karozza gewwa San Gwann u xi hadd kien qallu dwarha ghaliex kienet saritlu tfittxija u dan qallu biex joqghod attent jekk jara dik il-karozza.

L-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri.[4] Jghid illi huwa kien joqghod ma' missieru fil-fond 76, Triq Tonna, Sliema u li kellu fond gewwa l-Gzira, liema fond huwa kien qed izommu b'titolu ta' kera flimkien ma' bintu. Jghid illi bintu kellha xi problemi mal-*boyfriend* taghha u spiccat tfittex post. Ghalhekk huwa kien krieh maghha biex ma thallasx il-kera kollha wahedha u marru joqoghdu l-Gzira. Fl-istess zmien, huwa beda jikri xi kamra fil-fond lil xi studenti. Jghid illi fil-jum in kwistjoni, huwa kien qieghed ghand missieru, missieru kien ser isajjar xi haga u qallu li kellu bzonn borma kbira u peress illi huwa kellu wahda fil-fond tal-Gzira, huwa qallu li kien sejjer igibha. Kif hareg minghand missieru, ra lil Daniel Grech u talbu biex iwasslu bil-karozza tieghu. Qal illi huwa dahal fil-fond tal-Gzira u hareg bil-borma u marru l-Pulizija fuqu, fittxewlu u sabulu farka zghira jew bicca haxixa zghira hafna fil-but. Din kienet tieghu. Kif dahlu fil-fond, il-Pulizija sabu bicca blokka tal-*cannabis* zghira fuq il-mejda. Imbaghad waqt it-tfittxija, sabu wkoll bicca ohra mohbija fil-kamra li huwa kien jikri lil Gharbi, liema bicca huwa ma kienx jaf biha.

Qal illi huwa ma kienx jahdem u ma setax jaffordja jhallas il-kera biex jghin lit-tifla u ghalhekk beda jikri lill-istudenti u lil kull min jigi. Qal illi huwa kien joqghod ma' missieru waqt li kien qed jikri dan il-fond. L-imputat qal illi meta l-Pulizija sabu d-droga, l-Gharbi diga` kien ilu hmistax jew tliet gimghat li telaq. Dan kien qallu li m'ghandux flus biex ihallsu l-kera u ghalhekk kien tah dik il-bicca raza u l-imputat kien talbu biex jitlaq mill-fond. Qal illi dak iz-zmien, huwa kien ipejjep il-*cannabis* u li spicca jpejjep ghaliex kien f'relazzjoni li marret hazin. Qal illi huwa dam xi sena jikri l-fond in kwistjoni u li matul iz-zmien li dam fih kien jikrih lill-barranin. Qal illi fiz-zmien li nstabitlu d-droga, ma kien hemm hadd jirrisjedi fil-fond.

In kontro-ezami, l-imputat qal li t-tliet bicciet raza li nstabu wara t-twaletta kienu tal-Gharbi ghaliex dan kien ipejjep ir-raza u dak iz-zmien, huwa kien ipejjep ma' dan l-Gharbi, ma kellux studenti fil-fond u l-Pollakki li kienu jikru minghandu ma kinux ipejjpu. Qal li ma jafx min kien baghat lil dan l-Gharbi, dan qallu li kien qed ifittex kamra u anke lill-Pollakki kien baghathom xi hadd, ghalkemm ma kienx jaf min. L-Gharbi kien mar ihabbatlu l-bieb fil-fond tal-Gzira fejn kien joqghod u talbu kamra. Hu tah il-kamra z-zghira u apparti minn hekk kellu zewgt ikmamar tas-sodda ohra kbar. Fil-kamra l-kbira kienet toqghod it-tifla, ghalkemm dak iz-zmien kienet diga` telqet minn hemm, izda zammha ghaliha xorta wahda ghax kienet taf terga' tmur lura. L-Gharbi ma damx wisq hemmhekk, forsi xi xahar u t-tifla tieghu diga` kienet telqet meta dahal l-Gharbi. L-Gharbi kien jghix fil-fond

[4] A fol. 40 *et seq* tal-process.

wahdu. Fir-rigward tar-raza li kien hemm fuq il-mejda, qal li din zammha hemm ghaliex dak iz-zmien ma kellu lil hadd fil-fond u ma kellux ghalfejn jerfaghha. Qal illi huwa kera kamra lil Gharbi ghaliex gie dahru mal-hajt, fis-sens illi t-tifla kienet telqet u ried ihallas il-kera wahdu. Qal illi huwa kien ser jitlaq il-fond ghaliex il-kuntratt kien fadallu xi xahrejn jew tliet xhur biex jaghlaq u hu kien joqghod ma' missieru. Qal illi l-uniku raguni li kien kera l-fond kien minhabba bintu u li huwa baqa' fih sakemm ghalaq il-kuntratt, ghaliex haseb li bintu kien ser jerga' jkollha l-problemi u ghalhekk li kienet ser tigi lura. Dwar il-messagg fuq il-*mobile* tieghu li kien isemmi karozza HAO 653, l-imputat qal illi habib tieghu kien gie arrestat mill-pulizija u qal lill-imputat li dawn kienu qalghulu kullimkien u ma sabulu xejn u rrefera ghall-pulizija bhal 'hniezer'. Qal li kien hemm okkazzjoni fejn huwa qal lil siehbu li kien ghadu kif ra l-karozza tal-hniezer. Meta l-Ufficjal Prosekutur gibidlu l-attenzjoni ghall-fatt illi huwa kien ta hafna verzjonijiet dwar dan il-messagg li kienu lkoll differenti minn din il-verzjoni tal-ahhar, huwa wiegeb li ma kienx ser jghidlu f'wiccu b'dan.

Xehed ukoll **Daniel Grech**[5] li qal illi fil-jum in kwistjoni, huwa kien qieghed fit-triq mal-imputat, li dan kien gar tieghu fi Triq Tonna, Sliema, dakinhar huwa kien hiereg bil-karozza u l-imputat waqqfu u talbu biex jaqtghu sal-Gzira biex igib xi borom. Qal illi x'hin waslu l-Gzira, nizlu fil-fond u l-imputat gab xi borom u x'hin kienu hergin, gew imwaqqfa mill-pulizija u saret tfittxija fuq l-imputat u fil-fond. Qal illi qabel dakinhar huwa qatt ma kien dahal f'dan il-fond u li kull ma kien jaf li l-imputat kien igib xi studenti.

Fl-ewwel lok, qabel il-Qorti tikkunsidra jekk mill-provi prodotti jirrizultax illi dan kien kaz ta' pussess semplici jew pussess aggravat tar-raza tal-*cannabis*, jehtieg li l-Qorti taghmel il-kunsiderazzjonijiet taghha dwar ix-xjenza o meno tal-imputat fir-rigward tad-droga misjuba fil-kamra tas-sodda tal-fond in kwistjoni.

Dwar l-elementi tal-pussess ghal fini tal-ligi dwar id-droga, fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs John Borg</u>** fit-23 ta' Gunju 1997, intqal hekk:

"*Dwar x'jammonta ghal <u>pussess</u> ghall-finijiet tal-ligi in dizamina, din il-Qorti diga` kellha l-opportunita` li telabora dwaru fis-sentenza taghha tal-21 ta' Ottubru, 1996, fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan. F'dik is-sentenza din il-Qorti osservat li <u>l-presenza</u> ta' oggett f'post (dar, karozza, kamra, ecc.) li fuqu persuna ghandha <u>xi forma ta' kontroll</u> tista', taht certi*

[5] A fol. 56 *et seq* tal-process.

*cirkustanzi, tammonta ghal* <u>pussess</u> *ta' dak l-oggett; u jekk dak l-oggett jirrisulta bhala fatt li hu droga li taqa' taht il-Kap. 101, allura l-ligi tippresumi, salv prova kuntrarja imqar fuq bazi ta' probabilita`, li l-pussessur kien jaf li dak l-oggett kienet droga (ara wkoll P. v. Charles Clifton, App. Krim., 5 ta' Lulju, 1982).*"

In oltre fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Maizuki Hachemi Beya, bint Abdellatif</u>** tas-16 ta' Frar, 1998 inghad hekk:

"*Il-ligi taghna, kemm ghal dak li jirrigwarda l-pussess kif ukoll ghal dak li jirrigwarda l-importazzjoni ta' droga, ma tuzax il-kelma xjentement", fi kliem iehor il-ligi titkellem dwar minn "ikollu fil-pussess tieghu" (artikolu 8(a)(c), Kap 101) "ikun fil-pussess" (regola 8, A.L. 292/1939), "jimporta" (artikolu 15A (1), Kap 101) u mhux dwar min "xjentement ikollu fil-pussess tieghu", "xjentement ikun fil-pussess" jew "xjentement jimporta". Ghalkemm il-legislatur f'dawn id-disposizzjonijiet ma juzax il-kelma "xjentement", hu evidenti li hawn si tratta ta' reati doluzi u mhux semplicement ta' reati kolpuzi. Il-legislatur ma riedx jikkolpixxi lil min, per ezempju, ad insaputa tieghu jitqieghdlu xi droga fil-bagalja tieghu u dan jibqa' diehel biha f'Malta. Mill-banda l-ohra, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 26(1) tal-Kap. 101, persuna li tkun fil-pussess ta' droga jew li tkun dahhlet droga f'Malta hi presunta li kienet fil-pussess jew dahhlitha xjentement, jigifieri li kienet taf bl-ezistenza ta' dak l-oggett, li dak l-oggett hu droga, u ghalhekk li kienet taf li kienet fil-pussess jew li kienet qed iddahhal id-droga, salv prova (imqar fuq bazi ta' probabbilita`) kuntrarja, u salv il-limitazzjoni ghal tali prova skond l-artikolu 26(2) ta' l-imsemmi artikolu 26 (ara, f'dan is-sens, is-segwenti sentenzi: P vs Charles Clifton, 5/7/82, P vs Martin Xuereb, 20/9/96, P vs Seiffedine Mohamed Marshan, 21/10/96, u P vs John Borg, 23/6/97, kollha appelli kriminali).*"

Issa f'dan il-kaz, m'hemmx dubbju illi l-imputat kellu l-kontroll effettiv fuq il-fond in kwistjoni, izda huwa jichad illi d-droga li nstabet fuq it-tubu tat-twaletta tal-kamra tas-sodda kienet tieghu, anzi jghid li din ma kienx jaf biha, ghaliex sa gimgha qabel, huwa kien qed jikri din il-kamra lil wiehed Gharbi, certu Axraf, li kien tah ukoll ir-raza li nstabet fuq il-mejda tal-kcina u fuq il-persuna tieghu. Skond l-imputat ghalhekk din ir-raza ma kinitx tieghu, izda ta' dan Axraf u dan anke ghaliex skond hu, l-istudenti li kellu qabel ma kinux ipejjpu. Dwar din il-verzjoni tal-imputat, il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet: Fl-ewwel lok, ghalkemm *a tempo vergine,* l-imputat mill-ewwel qal lil PS 1174 Adrian Sciberras illi huwa kien jikri l-fond in kwistjoni lil xi studenti[6] u dan qalu wkoll kemm fl-istqarrija rilaxxjata minnu, kif ukoll fix-xhieda tieghu, m'hemm assolutament l-

[6] A fol. 17 u 18 tal-process.

ebda prova fl-atti illi tikkorrobora l-verzjoni tal-imputat li huwa kien jikri l-fond lil dan Axraf. Fil-fatt ghalkemm Daniel Grech, jikkonferma illi l-imputat kien igib xi studenti, dan jghid ukoll illi qabel dakinhar, huwa qatt ma kien dahal fil-fond. L-imputat ma gab l-ebda prova li tikkorrobora dak li jghid hu illi ghal madwar perjodu ta' xahar u nofs jew xahrejn, din il-kamra tas-sodda kienet okkupata minn dan l-Gharbi, bhal donnu, hlief hu, hadd qatt ma kien rah f'dan iz-zmien. Mhux biss, izda konvenjentement l-imputat jghid li ma kien jaf xejn dwaru, ghajr illi kien jismu Axraf u li kien sejjer joqghod Bugibba wara li telaq mill-fond in kwistjoni. In oltre skond il-verzjoni tal-imputat, ghalkemm dan l-Gharbi ma kellux flus biex ihallas il-kera, madankollu kellu numru ta' bicciet tar-raza tal-*cannabis* u ghal xi raguni inspjegabbli, fl-istess hin dan halla warajh fil-fond tliet bicciet imdaqqsin. Dan meta, in oltre, l-unika kamra okkupata mill-Gharbi kienet l-izghar kamra tas-sodda fil-fond, li jfisser illi dan ma kellux wisq x'jiehu mieghu meta telaq minn hemm. Kumbinazzjoni wkoll il-bicca raza li nstabet fuq il-mejda tal-kcina – li wkoll ma kinitx zghira u kien fiha izjed minn zewg centimetri[7], kuntrarjament ghall-impressjoni li jipprova jaghti l-imputat fix-xhieda tieghu – giet moghtija lilu mill-Gharbi. Skond il-verzjoni tal-imputat, anke l-bicciet li nstabulu fil-but, inghataw lilu mill-Gharbi, ghax dan tah bicca u nofs, ossia l-bicca li nstabet fuq il-mejda u l-bicciet li kellu fil-but, li jrid jinghad li lanqas dawn ma kienu farka *cannabis*, kif jghid l-imputat fix-xhieda tieghu, izda kienu jikkonsistu fi tliet bicciet zghar. Dan qed jinghad ukoll fil-kuntest tal-verzjoni li ta l-imputat dwar minn fejn solitament kien igib il-*cannabis* li kien jikkonsma, li wkoll m'hijiex verzjoni kredibbli jew verosimili. Fil-fatt l-imputat jghid, fl-istqarrija tieghu, illi huwa kien ipejjep ir-raza tal-*cannabis* ma' shabu, fis-sens illi dawn kienu jixtru r-raza ghalihom u jaghtuh mir-raza taghhom b'xejn. Skond il-verzjoni tieghu, l-imputat kien ipejjep xi erba' jew hames *joints* kuljum u kien ilu jikkonsma l-*cannabis* xi seba' xhur. Ghalkemm dan ma jfissirx illi l-imputat kien ilu jpejjep erba' jew hames *joints* kuljum ghal seba' xhur shah ossia mill-ewwel jiem li huwa beda jpejjep ir-raza, biss il-Qorti ma tqisx illi huwa kredibbli illi kienu dejjem shabu li kienu jaghtuh mir-raza taghhom b'xejn. Dan ghaliex ghalkemm huwa verosimili li l-imputat kien ipejjep ir-raza ma' shabu, biss m'huwiex verosimili illi l-imputat kien ipejjep erba' jew hames *joints* kuljum b'xejn minn fuq il-karita` tal-hbieb tieghu. Hbieb kemm huma hbieb, id-droga tiswa l-flus. U skond il-verzjoni tal-imputat allura, minkejja li ma kellux vizzju zghir, dan qatt ma xtara raza, izda kien jew jiddobbaha b'xejn minghand shabu jew inkella fir-rigward tar-raza li nstabet

---

[7] Dwar dan il-Qorti tirrileva illi ghalkemm ma saret l-ebda analizi tas-sustanza esebita ghaliex id-difiza qablet illi din is-sustanza hija raza tal-cannabis, u ghalhekk il-Qorti m'ghandhiex prova dwar il-piz attwali ta' din id-droga, biss il-Qorti rat dawn l-esebiti u tinnota illi l-bicciet li nstabu fil-but tal-qalziet tal-imputat m'humiex kbar, il-bicca li nstabet fuq il-mejda fiha daqs ta' madwar 2.5 centimetru b'5.5 centimetru b'1.2 centimetru gholi u wara t-twaletta nstabu tliet bicciet, kull wahda approssivament ta' dan id-daqs.

fil-pussess tieghu, din inghatat lilu minghand Gharbi li, hlief ghal dak li jghid hu, ma ngabet l-ebda prova dwar l-ezistenza tieghu.

Dwar dan in-nuqqas ta' kredibilita` tal-imputat, il-Qorti tinnota wkoll illi l-imputat jidher li kapaci johloq l-istejjer spontanjament u f'hin qasir. Fil-fatt ghall-mistoqsijiet li saru lilu mill-Ufficjal Investigatur waqt l-interrogatorju tieghu dwar in-numru ta' registrazzjoni ta' vettura li kien imsemmi f'messagg li kiteb huwa stess, l-imputat jaghti diversi verzjonijiet fit-tieni stqarrija tieghu u f'dan ir-rigward zgur ma jistax jinghad illi l-imputat kien kredibbli.

Tenut kont ghalhekk ta' dawn il-fatturi kollha, il-Qorti hija moralment konvinta illi l-imputat kien konsapevoli anke dwar id-droga li nstabet fil-kamra tas-sodda tal-fond u li huwa kellu l-pussess anke ta' din id-droga, u ma tqisx bhala kredibbli, lanqas sal-grad tal-probabbli, il-verzjoni tieghu fis-sens illi huwa kien kera l-kamra in kwistjoni lill-Gharbi u li dan l-Gharbi halla d-droga warajh u konsegwentement illi huwa ma kellu l-ebda xjenza dwar id-droga li nstabet f'din il-kamra.

Jibqa' ghalhekk li jigi determinat jekk mis-sejba tal-bicciet tar-raza tal-*cannabis* fil-pussess tal-imputat – ossia dawk misjuba fil-but tal-qalziet tieghu, fuq il-mejda tal-kcina u fil-kamra tas-sodda tal-fond in kwistjoni - jistax jigi konkluz lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, illi dak il-pussess kien wiehed aggravat u mhux sempliciment ghall-uzu personali tal-istess imputat.

Illi kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marius Magri**:

"*Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spjaccjata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz tkun bizzejjed.*" U kif inghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-2 ta' Settembru 1999, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri**, "*meta l-ammont ta' droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati*".

Illi pero` kif intqal ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-23 ta' Mejju 2002, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Brian Caruana</u>**, "*kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule"x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli*".

Kif inghad izjed 'il fuq, ma saret l-ebda analizi tas-sustanza esebita in atti u ghalhekk ghalkemm id-difiza qablet illi din is-sustanza hija effettivament raza tal-*cannabis,* ma ngabitx prova dwar il-piz attwali ta' din id-droga. Biss wara li l-Qorti rat dawn l-esebiti, tista' tghid li kemm il-bicca misjuba fuq il-mejda, kif ukoll it-tliet bicciet misjuba fuq it-twaletta ma kinux bicciet zghar u mehuda lkoll flimkien m'humiex ta' daqs li wiehed normalment jassocjah ma' pussess ghall-uzu personali. Il-Qorti tqis ukoll illi l-imputat kien ilu ma jahdem "*hafna snin*", kif jghid hu fl-istqarrija tieghu, izda fl-istess hin seta' jsostni vizzju ta' bejn erba' u hames *joints* kuljum. Dawn ic-cirkostanzi iqajjmu suspett mhux zghir fl-imputat. Biss min-naha l-ohra, anke minhabba l-verzjoni li huwa ta dwar il-provenjenza tad-droga misjuba, l-imputat fl-ebda mument ma gie mistoqsi x'introjtu kellu dak iz-zmien. Il-Qorti tqis ukoll illi ghalkemm l-ammont ta' droga misjuba ma kienx zghir, biss lanqas jista' jinghad li kien xi ammont tant sostanzjali li wahdu jissodisfa lill-Qorti li l-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-imputat. Veru wkoll illi apparti l-ammissjoni tal-imputat li huwa kien ipejjep bejn erba' u hames *joints* kuljum, m'hemm l-ebda prova ohra li tikkorrobora li huwa kien jaghmel uzu mill-*cannabis* bhal per ezempju xi karti tar-rizla jew loqom tal-*joints*, izda jrid jinghad ukoll illi stranament, ma saret l-ebda tfittxija fir-residenza ta' missier l-imputat, fejn jidher li l-imputat kien iqatta' hafna hin. Izjed importanti, madankollu, il-Qorti tqis ukoll illi fil-pussess tal-imputat ma nstabu l-ebda flejjes, notamenti b'ismijiet jew numri tat-telefon li jistghu jindikaw kuntatti ma' klijenti tal-ispaccatur, xi mizien jew affarijiet simili li jistghu jindikaw spacc ta' droga. Il-Qorti tinnota wkoll illi ghalkemm il-*mobile* li nstab fil-pussess tal-imputat gie esebit fl-atti, il-Prosekuzzjoni fl-ebda mument ma talbet in-nomina ta' espert sabiex inizzel il-kontenut tieghu, li jfisser illi lanqas ma hemm prova ta' xi messaggi suspettuzi li setghu jindikaw li l-imputat kien ibiegh id-droga. L-uniku messagg suspettuz li l-imputat jghid li kitbu huwa stess, kien jindika n-numru tar-registrazzjoni ta' vettura partikolari. Veru illi dan juri illi l-imputat kellu interess

specifiku f'dik il-vettura, izda wara kollox l-imputat kien fil-pussess ta' sustanzi projbiti u dan l-interess ma jistax necessarjament jissarraf f'konkluzjoni li dak il-pussess kien wiehed aggravat. Imbaghad hemm ukoll ix-xhieda ta' PS 1174 li jghid illi ghalkemm il-fond in kwistjoni kien gie osservat minnu f'izjed minn okkazzjoni wahda u huwa fil-fatt isemmi jumejn ohrajn apparti l-jum in kwistjoni, lanqas ma giet innutata xi attivita` suspettuza in konnessjoni ma' dan il-fond u lanqas l-imputat inniffsu fil-fatt ma gie nnutat jidhol fih, hlief fil-jum in kwistjoni. Tqis ukoll illi l-bicciet li nstabu fuq il-persuna tal-imputat kienu ta' daqs totalment differenti u in oltre l-bicciet li nstabu fil-fond kienu shah.

Il-Qorti wara li hasbet fit-tul u qieset dawn ic-cirkostanzi kollha, fil-waqt illi ma thossx li ghandha taghti affidament lill-verzjoni tal-imputat dwar il-provenjenza tad-droga li nstabet fil-pussess tieghu, mill-banda l-ohra ma jidhrilhiex illi sempliciment biss mill-kwantita` ta' droga elevata u esebita u mill-fatt illi l-imputat ma kellux impjieg, jista' jinghad minghajr ebda dubju ragjonevoli li dan jindika li d-droga misjuba kienet intiza ghal spacc lil terzi jew li din ma kinitx ghall-uzu esklussiv tal-imputat, tenut kont ukoll, kif inghad, tal-assenza kompleta ta' cirkostanzi ohrajn li jippuntaw f'din id-direzzjoni. F'dan il-kaz, il-Qorti ghandha dak id-dubju dettat mir-raguni li necessarjament ghandu jmur favur l-imputat.

Ghaldaqstant, il-Qorti ma tqisx illi l-imputazzjoni kif dedotta fil-konfront tal-imputat giet ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi, izda tqis illi l-imputat ghandu jinstab hati biss tar-reat ta' pussess semplici tar-raza tal-*cannabis*.

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Piena</u>**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali tal-imputat li fiz-zmien tar-reat odjern, kienet wahda netta.

Qieset il-kwantita` tad-droga misjuba fil-pussess tal-imputat u li f'dan il-kaz, ma japplikawx id-disposizzjonijiet tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fis-sentenza taghha tat-2 ta' Settembru 1999, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Carmel Spiteri</u>**, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

"*Jibqa' pero` il-fatt inkwjetanti tal-ammont ta' droga involuta, ammont li fih inniffsu kien jikkostitwixxi perikolu ghal terzi, ghax dak li jkun jista' facilment jiddeciedi li, flok ma juza d-droga esklussivament hu, jaqsamha ma' haddiehor*."

Ghalhekk, f'dak il-kaz il-Qorti xorta wahda ghaddiet sabiex tinfliggi piena karcerarja effettiva. Fil-waqt illi din il-Qorti tikkondividi dan il-hsieb, fl-istess hin kull kaz irid jigi determinat a bazi tac-cirkostanzi partikolari tieghu u kif inghad, f'dan il-kaz, il-fedina penali tal-imputat fiz-zmien tar-reat odjern kienet wahda netta. Ghall-kuntrarju, fil-kaz hawn fuq citat, il-Qorti tal-Appell osservat illi l-appellant diga` kellu kundanna ohra dwar pussess ta' droga li dwarha kien gie kkundannat ghal piena ta' multa u qieset illi l-imputat ma tghallimx mill-izbalji precedenti tieghu. Fic-cirkostanzi tal-kaz odjern, il-Qorti tqis illi sentenza ta' prigunerija sospiza tkun wahda idonea.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, qed issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u qed tilliberah minnha, izda qed issibu hati tar-reat ta' pussess semplici tar-raza tal-*cannabis* kompriz u nvolut f'din l-imputazzjoni u tikkundannah ghal piena ta' **sitt (6) xhur prigunerija** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9, qed tigi **sospiza ghal perjodu ta' sentejn mil-lum**.

Il-Qorti wissiet lill-hati fi kliem car u semplici, il-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija, waqt il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.

Stante li ma gewx mahtura esperti f'dawn il-proceduri, qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga, esebita bhala Dokument PG1, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Tordna wkoll ir-rilaxx tal-*mobile phone* esebit bhala Dokument PG3 favur il-hati.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat